# IS-SUR NIN

"Weraq mar-Riħ".
hekk int, o Malti,
Malti minn ġuf ommok
Malti f'żgħożitek,
Malti f'xjuħitek,
issemmi mort ħbieb tiegħek,
u jien ngħidlek, ħabib,
għalkemm le qatt rajtek,
li qalbi ma' tiegħek innamrat,
u li ħajjet il-bniedem
bħal weraq jittajjru mar-riħ
f'jum tal-Ħarifa,
sakemm jitfarfru, jidbielu u jmutu,
hekk int,
bħal werqa tirt mar-riħ
iżda le mhux bħalha,
għax waqt li int, il-werqa,
qalb is-sħab kienet tittajjar,
l-anġli ġew,
u magħhom,
nies qalbiena, u ...
fosthom bdiewa kien hemm
u magħhom ħaduk
u le fl-art ittemejt,
'ma int lil Malta tiegħek
armla ħallejt,
għax ħondoq ħloqt,
u ta' snin li ħdimt,
u fl-għalqa Maltija
l-isbaħ ġiżimin ħawwilt
tiegħek il-firda tinħass illum.
Żagħżugħ jien,
illum nitbekka
tiegħek il-mewt,
għalkemm le nafek,
'ma naf li int,
int is-sies li fuqu
l-ilsien Malti mibni,
int.

FRANCIS P. MIFSUD



# Taħdita ta' Ġorġ Pisani f'għeluq id-90

# Sena ta' A. Cremona

Kollha kemm aħna, f'xi mument jew ieħor, nieqfu biex naħsbu fuq il-misterji tal-ħajja. Fit-tiftix tagħna għad-definizzjoni tal-ħajja nsibu quddiemna problemi tqal u diffiċli u kull tant ukoll enigmi mostura u kurjużi. U dan kollu jħallina naħsbu, nirriflettu u nistaqsu. Nistgħu ngħidu ħafna ħwejjeġ sbieħ dwar il-ħajja, nistgħu ngħidu li hi dak l-istat illi jagħżel l-annimali u lill-pjanti mis-sustanzi inorganiċi u mill-organiżmi mejta, karatterizzat mill-metaboliżmu, mill-iżvilupp u mir-riproduzzjoni. Nistgħu nsejħu li l-ħajja hi dak il-perijodu ta' eżiżtenza animata li fih isib ruħu l-bniedem mit-twelid salmewt. Nistgħu niddefinixxu 'l-ħajja n-nixxiegħa jew l-essenza ta' l-eżiżtenza. Iżda, meta nitkellmu mill-ħajja tal-bniedem, biex naslu għal xi konklużjoni prattika, irridu bil-fors nagħmlu differenza bejn eżiżtenza u ħajja.

Il-bniedem illi jgħix mingħajr ideali, mingħajr programm ta' attivitajiet, mingħajr azzjoni jkun sempliċement jeżiżti, imma ma jkunx jgħix. Imħabba f'hekk G.S. Hillard igħidilna illi l-kelma ħajja hija sinonimu għall-kelma azzjoni; u dak il-bniedem illi huwa mingħajr opportunitajiet ikun qiegħed jeżisti, imma mhux igħix. Minn hawn jiġi wkoll illi iktar kemm il-bniedem ikun mela ħajtu bl-attivitajiet għall-ġid tiegħu nnifsu, ta' għajru u ta' pajjiżu jkun iktar għexha l-ħajja tiegħu, anki jekk il-granet ta' ħajtu jkunu iqsar minn ta' ħaddieħor li għex mingħajr attivitajiet. Jekk imbagħad il-bniedem ikun għex ħajja twila u, fl-istess ħin, ħabrieka u mimlija azzjoni nkunu nistgħu ngħidu, bil-jedd kollu, illi dan il-bniedem ikun tabilħaqq wasal fil-milja tal-ħajja.

Sinjuri,

Il-persunaġġ illi ġejna nonoraw illum għex tabilħaqq il-milja ta' ħajtu. Dr. Anton Cremona, jew kif huwa magħruf iktar b'imħabba, Ninu Cremona għex il-milja ta' ħajtu kollha mhux għaliex wasal fl-età veneranda ta' 90 sena, imma għaliex ma ħeliex mument wieħed biss minn din il-ħannieqa twila ta' snin li biha għoġbu jagħnih il-Ħallieq biex juża, mill-aħjar li jista', id-doni sbieħ u rari li biħom żejnitu sa minn kmieni ommna n-natura. Kittieb hekk prolifiku, hekk